# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2018**

**Rikors Ġuramentat Numru: 3/2017 PC**

**Manwel Spiteri**

**vs**

**Antonia Zahra**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu, wara li ppremetta:

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Mejju, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30a.m.) waqt li l-attur kien qiegħed fuq il-qagħdi ta' dmirijietu bil-mutur tal-kumpanija tax-xogħol tiegħu u proprjeta' ta' Joseph Attard tat-tip Yamaha T100 bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ittri "A" "Q" "Z" numri tlieta tnejn ħamsa (AQZ-325) fi Triq in-Narċiż, Xewkija, Għawdex, u l-intimata kienet qegħdha ssuq il-vettura tagħha tat-tip Subaru J10 bil-pjanċa ta' reġistrazzjoni ittra "F" "B" "E" numri sebgħa tlieta sebgħa (FBE-737), l-istess intimata, fost affarijiet oħra ħarġet mil-lok fejn kienet ipparkjata l-vettura għal ġol karreġjata ta' l-attur u baqgħet dieħla ġo fih;

Illi b'riżultat ta' dan l-inċident, l-attur weġġa' serjament u baqa' u għadu jsofri minn debilita' permanenti serja, oltre li ġarrab danni oħra, inkluż tlef ta' qliegħ mix-xogħol u spejjeż ta' mediċini, tobba u speċjalisti;

Illi l-imsemmi inċidenti ġara unikament bi ħtija tal-intimata u dan minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regoalmenti tat-traffiku;

Illi minkejja li l-intimata ġiet debitament interpellata, anke permezz ta' Ittra Uffiċċjali, sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġunati minnha kif fuq ingħad, hija baqgħet inadempjenti.

Talab lill-konvenuta tgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-intimata hija unikament responsabbli għall-inċidengt awtomobilistiku li seħħ fit-tmintax (18) ta' Mejju, tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq in-Narċiż, Xewkija, Għawdex kif fuq ingħad, u għad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' l-istess;

2. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-attur, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-Ittra Uffiċċjali 3839/2015 u bl-imgħax legali kontra l-intimata in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta li, għalkemm ġiet notifikata b'dan ir-Rikors u l-Avviż tas-smiegħ fil-21 ta' Frar 2017, għażlet li tibqa' kontumaċi.

Rat ir-riferta pożitiva tas-soċjeta' assikuratiċi tal-konvenuta, l-Untours Insurance Agency Limited, li ġiet notifikata wkoll bir-Rikors u l-Avviż tas-smiegħ fil-31 ta' Jannar 2017.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-attur, bid-dokumenti magħha annessi.

Rat ukoll kopja tal-atti tal-kawża: "Pulizija vs Antonia Zahra" (Każ Nru. 702/2015), li nstemgħet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ottubru 2017 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur, in segwitu għal inċident awtomobilistiku li fih huwa korra serjament u spiċċa jbati minn debilita' permanenti.

L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa.*[2]

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

[1] 44 Dig. Del leg. aquil.IX,2
[2] art. 1033 Kap. 16

*"E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare."*[3]

FATTI

Dan l-inċident seħħ fit-18 ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) meta l-attur ittajjar minn fuq *motor cycle* waqt li kien għaddej fi Triq in-Narċiż, ix-Xewkija, jqassam l-ittri bħala parti mix-xogħol tiegħu ta' pustier. Dan ġara waqt li l-konvenuta, li kienet ipparkjata fuq l-istess naħa tat-triq minn fejn kien għaddej l-attur, qabdet u ħarget għal ġo l-istess karreġjata u baqgħet dieħla ġo fih. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur jgħid li korra b'mod gravi, u minħabba f'hekk ġew ikkawżati lilu diversi danni.

PROVI

Xhieda okulari tal-inċident *per se* ma jidhirx li kien hemm. Fil-kawża tal-Pulizija li saret kontra l-konvenuta in konnessjoni ma' dan l-inċident, xehed is-surġent **Jason Xerri** li nvestiga l-każ. Fl-affidavit tiegħu esebit fl-atti ta' dik l-kawża, dan spjega kif:

"…*Nhar it-18 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' 09.30 a.m. kont gejt infurmat li kienet sehhet kollizjoni bejn mutur tal-posta u vettura fi Triq in-Narciz, Xewkija, Ghawdex.*

*Ghalhekk jien mort fuq il-post u hemmhekk innotajt vettura reg. no. FBE737 tal-ghamla Subaru J10 u mutur tal-Maltapost li kellu reg. no. AQZ 325 Yamaha li kien taht il-bumper ta' quddiem tal-imsemmija vettura. Ix-xufier tal-mutur gie mehud l-isptar ghall-kura.*

*Jien mort fuq il-post u wara li wissejt lil Antonia Zahra skond il-ligi, din stqarret li kienet ix-xufiera tal-karozza FBE737 u kienet ipparkjata u harset lura u l-quddiem biex tara jekk kienx gej xi had u bdiet hierga u sabet il-mutur ma' wiccha.*

*Jien kellimt lil Manwel Spiteri I.D. 1879G fejn dan stqarr li kien iqassam l-ittri bil-mutur tal-Matapost reg. no. AQZ 325 fi Triq in-Narciz, Xewkija, u li kien ghaddej fuq il-linja tieghu meta harget wahda minn go l- parking jew minn go l-garage u li jaf kien li sabha ma' wiccu u hu spicca taht il-karozza*…[4]

L-iskizz redatt mill-istess surġent, li jinsab anness mal-affidavit tiegħu, jindika l-mutur tal-attur fl-art eżatt taħt il-*bumper* ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-konvenuta, qisu għan-nofs tat-triq. Din il-vettura tidher li kienet għadha kemm

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p. 32-33
[4] Ara kopja ta' dan l-affidavit, esebit bħala parti mill-atti tal-kawża; Pulizija vs Antonia Zahra fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2017

ħarġet minn wara karozza oħra li kien hemm ipparkjata fuq l-istess ġenb tat-triq. M'hemm ebda indikazzjoni li tħallew xi *brake-marks*.[5]

Is-surġent esebixxa wkoll żewġ ritratti li jindikaw aħjar kif spiċċaw il-vetturi involuti f'dan l-inċident.[6]

Fl-affidavit tiegħu **Manwel Spiteri**, l-attur, fisser l-inċident *de quo* bil-mod segwenti:

"…*Jiena kont ghaddej bil-mod hafna u nghid li kont qed insuq kemm kemm nimxi peress li kont qed inqassam l-ittri minn dar ghal ohra. Waqt li kont ghaddej f'hin minnhom, f'habta u sabta, harget karozza kontra l-linja minn wara karozza li kienet ipparkjata. Il-karozza kienet misjuqa mill-konvenuta Antonia Zahra. Niftakar li meta intebhet bija hija inhasdet u bil-paniku flok ghafset il-brake tal-vettura hija ghafset il-gas b'konsegwenza li accellerat fuqi.*

*Kien impossibbbli ghalija li naghmel xi manuvra u nevitaha u l-vettura taghha habtet b'impatt qawwi go fija*…" [7]

Ma' dan l-affidavit l-attur esebixxa żewġ ritratti bil-kulur li juru kif spiċċaw il-vetturi involuti wara dan l-inċident.[8]

RESPONSABILITA'

L-attur jikkontendi illi taħti għal dan l-inċident il-konvenuta talli, bi traskuraġini u mingħajr ma esplorat sewwa it-triq, qabdet u ħarġet għal ġo l-karreġjata tiegħu, u x'hin indunat bih, minflok ma għafset il-*brake*, aċċellerat għal ġo fih b'impatt qawwi.

Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha.[9] Il-liġi tistipula li jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.[10] Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal jirriżulta wkoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li għamel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni.[11] Ta' dan in-nuqqas irid jagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.[12]

Ġie affermat mill-qrati tagħna:

"*Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

[5] Dok. JX 1 anness mal-istess affidavit
[6] Dok. JX 2 ibid.
[7] Ara affidavit tiegħu tas-26.10.2017
[8] Ara Dokti MS 1u MS 2 annessi mal-istess affidavit
[9] Art. 1031 Kodiċi Ċivili
[10] Art. 1032(1) ibid.
[11] Art. 1033 ibid.
[12] Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri: P.A. 3.10.2003

*(1) il-fatt dannuż illeċitu;*

*(2) l-imputabbilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu kkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu.*"[13]

Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.

In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "*hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża.*" (kollez. Vol. XLIV P1 p. 343).

In vista ta' dan, din il-Qorti ma tħossx li tista' tiġi attribwita xi negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-konfront tal-attur. Dan kien għaddej fuq il-karreġjata proprja tiegħu iqassam l-ittri bieb bieb, u għalhekk ma setgħax kien qed isuq b'xi veloċita'. L-anqas seta' jobsor li l-konvenuta ser taqbad u toħroġ ħabta u sabta għal ġo l-karreġjata tiegħu u tinvadilu din il-karreġjata, b'mod li ma tagħtih l-ebda opportunita li jieħu xi *evasive action* biex ma jsirx l-impatt.

Minn naħa l-oħra huwa evidenti li l-konvenuta, li kienet ipparkjata kontra l-linja tat-traffiku, u għalhekk ma setgħetx tara sew x'seta kien għaddej minn dik il-karreġjata, qabdet u ħarġet għal ġo l-istess karreġjata mingħajr ma żammet *a proper look out,* u x'ħin indunat bl-attur, minflok ma għafset il-*brakes*, x'aktarx bil-paniku li qabadha, iżjed aċċelerat, tant li kien hemm impatt qawwi mal-mutur misjuq mill-attur.

Dan iwassal għall-konklużjoni li l-konvenuta, minħabba dawn in-nuqqasijiet tagħha, sabet ruħha fl-impossibilita' li tevita l-ħabta, u nfatti laqtet il-mutur tal-attur, bil-konsegwenzi msemmija.

**F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident taħti unikament il-konvenuta.**

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.[14] Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla

[13] Agius vs Busuttil: Appell: 14.12.1982
[14] Savona vs Asphar: Appell: 23.6.1952

ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie.[15]

Skont il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

**Damnum Emergens:**

A tenur tal-artikolu msemmi, il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha taħt dan l-aspett hija:

(i) t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara;

(ii) l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara; u

(iii) it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali.

Dwar (i): Dak iż-żmien li seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attur kien impjegat bħala pustier mal-kumpanija Maltapost. Kellu salarju annwu gross ta' €16,495.37ċ.[16] Minħabba d-debilita' li sofra l-attur jgħid li ma setgħax ikompli jsuq mutur u għalhekk tilef *delivery allowance* ta' circa €90 fix-xahar li kien jirċievi.[17] Fuq 29 sena xogħol li kien għad baqagħlu,[18] dan iġib telf ta' €90 x12 x 29 = **€31,320.**

Dwar (ii):

(a) visti għand l-ispeċjalisti: Mr. Raymond Aquilina (€500);[19] Dr. Joseph Spiteri (€390).[20] M'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn m'għandhomx ikunu ripetibbli, għalhekk: **€890.**

(b) spejjeż mediċinali: sa Diċembru 2016 l-attur kien nefaq **€661.53ċ** fi spejjeż mediċinali li kellu jagħmel per konsegwenza ta' dan l-inċident.[21] Madankollu huwa ġie ordnat jibqa' jieħu dawn il-mediċini għal għomru minħabba d-debilita' li huwa sofra. Kif imfisser fin-Nota tal-osservazzjonijiet tal-attur, dawn l-ispejjeż mediċinali jammontaw għal €1007.40ċ fis-sena, konsistenti f' €700.80ċ fis-sena (Cymbalta : €26.90ċ kull kaxxa. Kaxxa fiha 28 pillola ta' 30mg u ċioe' 0.96ċ kull pillola. L-attur ordnat iżid id-doża għal 60mg kull ġurnata u ċioe' 2 pilloli kuljum 2 x 365 = 730 pillola fis-sena x 0.96ċ, li jammontaw għal €700.80ċ fis-sena); dawn flimkien ma' €306.60 fis-sena

[15] Carmelo Fenech vs Antonio Galea;vol.XL.I.73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech;vol.XLII.II.1019
[16] Ara Dok. MS 3 anness mal-affidavit tiegħu
[17] Ara Dokti. .MS 4 sa Ms 33 annessi mal-istess affidavit
[18] L-attur kellu 36 sena meta seħħ l-inċident
[19] Dokti. MS 42 – MS44
[20] Dokti. MS 45 – MS 46, u MS 42
[21] Dokti. Ms 38 – MS 41

(Nurofen: €13.50 kull kaxxa. Kaxxa fiha 96 pillola ta' 200mg u ċioe' 0.14ċ kull pillola. L-attur ordnat jieħu d-doża ta' 1200mg kull ġurnata, u ċioe' 6 pilloli kuljum: 6 x 365 = 2190 pillola fis-sena x 14ċ li jammontaw għal €306.60ċ fis-sena).[22] Il-Qorti taqbel mal-attur li għal fini ta' dan il-kalkolu għandha tittieħed *life expectancy* ta' 79 sena għal persuna maskili f'Malta.[23] Billi l-attur kellu 36 sena meta seħħ l-inċident, jiġi li kien għad baqalu circa 43 sena oħra ħajja. Għalhekk: €1007.40ċ x 43 = €**43,318.20ċ**

(c) Spejjeż legali in konnessjoni mal-kawża tal-Pulizija u t-Tribunal Industrijali kontra l-kumpanija li timpjegah li riedtet titterminalu l-impieg: €**300**.[24]

(d) L-attur spjega li għandu negozju ta' *wedding planning* u *equipment leasing* flimkien ma' martu. B'riżultat tal-inċident *de quo* ma setgħax jagħmel iżjed xogħol ta' strapazz, u għaldaqstant kellu jixtri *lifter* li swielu **€1868.90ċ** (€1500 *installation* u *parts*, u €368.90ċ *parts* ulterjuri).[25]

Dwar (iii): L-attur kellu mill-1 ta' Lulju 2016 sal-10 ta' Lulju 2016 *unpaid leave*, stante illi s-*sick leave* tiegħu kien spiċċa għax kien ħadu kollu wara l-inċident sakemm jirkupra. Billi jaħdem għal 8 sigħat kuljum b'paga ta' €7.20ċ fis-siegħa, dan jammonta għal telf ta' **€576**.[26]

Jiġi għalhekk li t-total dovut bħala *Damnum Emergens* huwa ta': €**78,934.63ċ**.

**Lucrum Cessans**: Dawn id-danni huma kontemplati wkoll fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16, u jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ li tbati l-vittma 'l quddiem minħabba inkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li l-egħmil doluż jew kopluz seta' jġib. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jinghad illi l-qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza 'Butler v. Heard'*.[27] Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*'Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza,dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilita'. Inoltre,id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*.[28]

---

[22] Ara wkoll l-affidavit tal-ispizjar Anthony Cauchi tas-26.10.2017
[23] Statistika tal-World Health Organization
24 Dok. MS 37
[25] Dokti. MS 34 – MS 36
[26] Ara affidavit tal-attur
[27] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002
[28] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et: Appell: 20.7.1994

Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "Butler vs Heard". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiħu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.[29]

Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kellu sitta u tletin (36) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawza.[30] Huwa ġie ċertifikat mill-esperti mediċi *ex parte*, li ma ġew kontradetti bl-ebda mod, li jbati minn debilita' permanenti fiżika fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%),[31] u debilita' mentali (Post Traumatic Stress Disorder) ta' tnax fil-mija (12%).[32] Dawn fil-fehma ta' din il-Qorti jġibu flimkien *a weighted average* ta' debilita' permanenti ta' disa' fil-mija (9%).

Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħla taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Imma skont formula applikata anke mill-Qorti tal-Appell għal dan il-fini f'dawn l-aħħar snin, fil-każ in eżami, għandu jiġi konsidrat *multiplier* ta' tmintax (18) il-sena.[33]

Mill-formula tal-*Final Settlement System* (FSS) għas-sena elfejn u erbatax (2014), l-aħħar sena kompleta li fiha ħadem l-attur qabel ma seħħ dan l-inċident, huwu qala' €16,495.37ċ.[34] Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €16,495.37ċ (paga bażi) x 18 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 9% (debilita' permanenti) x 120% għar-rata ta' inflazzjoni = €32,067. Normalment jitnaqqas ukoll is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment,* u għalhekk, it-total ta' *lucrum cessans* ilaħħaq: **€25,654.**

Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli u likwidat in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa s-segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Damnum emergens: | €78,934.63ċ | + |
| 2. | Lucrum Cessans: | €25,654.00ċ | |
| | **Total ta':** | **€104,588.63ċ** | |

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi:

[29] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003
[30] Għandu Karta tal-Identita bin-numru: 1879G (ara okkju tar-Rikors Ġuramentat)
[31] Ara rapport mediku ta' Mr. Raymond Aquilina, anness mal-affidavit tiegħu tas-17.10.2017
[32] Ara rapport mediku ta' Dr. Joseph Spiteri, anness mal-affidavit tiegħu tas-26.10. 2017
[33] Darren Sammut vs Eric Zammit: 3.12.2004; ara wkoll P.A. Emmeline Cini vs Antoine Cachia: 18.02.2013
[34] Ara Dok. MS 3 anness mal-affidavit tal-attur

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku tat-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), li seħħ fi Triq in-Narċis, ix-Xewkija, Għawdex, u għad-dani kollha li sofra l-attur b'konsegwenza tal-istess inċident;

2. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-attur fis-somma ta' mija u erbat elef, ħames mija tmienja u tmenin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€104,588.63ċ); u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali numru 3839/2015, u bl-imgħaxijiet legali b'effett mid-data ta' din is-sentenza, kontra l-istess konvenuta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

16.02.2018 – Sup3.2017 – Manuel Spiteri vs Antonia Zahra
2834